MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 628/2004/1

**Antonio Grech**

**vs**

**Noel Muscat**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-15 ta' Novembru 2004 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm1,988.17) dovuti lilu mill-konvenut bhala bilanc ta' salarju, sahra, xoghol u vaganzi mhux mehuda in konnessjoni ma' l-

impjieg tieghu mall-konvenut, u kif elenkat fil-kont anness u mmarkat Dok. “A”.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Gunju 2004 u bl-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante:

1. Illi preliminarjament, l-attur unilateralment u minghajr ebda preavviz ittermina r-relazzjoni tieghu ma’ l-esponenti u ghalhekk naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu li jaghti termination notice;
2. Illi subbordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, skond il-prospett “A” ipprezentat mill-istess attur hemm talba ghall-bonuses liema bonuses ma humiex bonuses statutorji u semmai kienu jinghataw mill-esponenti b’mod diskrezzjonali u minghajr ebda obbligu jew irbit legali;
3. illi subbordinatament u bl-pregudizzju ghall-premess, skond l-istess prospett Dok. “A”, it-talba ghall-hlas b’kompensazzjoni ta’ leave mhux mehud, l-esponenti jissottometti li l-attur qatt ma gie mcahhad milli jiehu leave, u inoltre, la darba dan ma ttiehditx unilateralment mill-attur, ebda hlas jew kumpens ma huwa dovut u ebda talba ghalih ma hija legalment sostenibbli;
4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas jew kumpens ta’ overtime maghmul fl-sitess Dok. “A”, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li skond il-ftehim u anke in vista tal-kariga u responsabbiltajiet assunti mill-attur, kwalunkwe sieghat ta’ overtime ma kellhomx jittiehdu in-konsiderazzjoni oltre is-salarju miftiehem, u inoltre u bla pregudizzju, ma kien hemm l-ebda qbil jew awtorizazzjoni ghall-ammont

ta' sieghat allegatament mahduma bhala overtime milkl-attur, u inoltre hija prattika kostanti ta' l-esponenti li persuna f'din il-kariga ma jithallsux overtime.
5. illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponenti kien baghat ammont ta' Lm674.45 ghas-saldu lill-attur bhala pagament dovuti, liema ammont ma giex accettat mill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-partijiet huma accountants u il-konvenut jiggestixxi ufficcju fejn jipprovdi servizzi ta' accountant u servizzi ohra ancillari in konnessjoni mall-professjoni tieghu.

L-attur beda jahdem mall-konvenut fit-13 ta' Gunju 2001 u jidher illi bejnithom kien certa hbieberija kif ukoll nuqqas ta' formalita' fl-ingagg ta' l-impjieg ta' l-attur mall-konvenut. L-unika dokument illi jirregola dan l-ingagg jinsab a fol. 23 tal-process, fejn jidher li l-partijiet ftehmu fuq salarju ta' sitt elef lira Maltin fis-sena (Lm6,000). Hemm menzjoni ghall-profit sharing, kif ukoll full partnership. L-attur baqa' jahdem mall-konvenut ghal sentejn, sa' Gunju 2003.

Ghall-ewwel l-affarijiet kienu sejrin tajbin, kif qal l-istess attur, l-atmosfera fl-istess ufficcju kienet easy going. Dina wkoll giet konfermata mill-konvenut.

Jidher illi eventwalment kien hemm dak illi huwa maghruf bhala clash of personalies, fejn il-konvenut ma bediex jaqbel ma' certa decizjonijiet

kif ukoll attitudni li beda juri l-attur, minn naha l-ohra l-attur kien qed ihossu urtat kif ukoll psikologikament sottomess esigenzi tal-konvenut illi jinsisti illi x-xoghol ghandu jintlahaq f’certa hin. Kif tajjeb osserva l-konvenut fix-xoghol ta’ l-accountancy hemm diversi deadlines u huwa mportanti li dawn id-deadlines jintlahqu.

Ikkunsidrat:

Il-professjoni hija forma ta’ servizz u biex tirnexxi dan is-servizz irid ikun efficjenti u f’waqtu. Dan japplika kemm ghall-accountancy kif ukoll ghall-avukati, fejn f’atmosfera ta’ kompetizzjoni qawwija illi hawn bhalissa fil-pajjiz, iz-zewg professjonijiet fid-diversi oqsma taghhom iridu jattiraw il-klijenti bl-efficjenza, id-diligenza u il-hegga ghax-xoghol. Dana jidher illi gharfu l-konvenut, imma forsi kien hemm xi stadju meta l-attur ma kienx qed jaghraf il-pressjonijiet illi kienu qed johloqlu il-konvenut sabiex jiggestixxi ufficcju ta’ accountancy f’dik is-sitwazzjoni.

Kien ghalhekk, illi l-konvenut gustament kien qed iheggeg lill-attur sabiex ilesti x-xoghol fit-terminu illi kien intiz illi jitlesta. Hu x’inhu, is-sitwazzjoni bejnithom waslet fi stat fejn l-attur kellu jitlaq mill-ufficcju u jsib xoghol ghal rasu.

F’dan l-istadju il-Qorti ssib li ma tistax tikkundanna lil hadd mill-partijiet ghall-punt ta’ rottura illi waslet ir-relazzjoni taghhom. L-attur, forsi ma kienx lest ghal-livelli ta’ esigenza u professjonalizmu illi kien qieghed jippretendi l-konvenut, meta qal, fl-ufficcju tieghu qatt ma kien hemm deadline illi ma ntlahaqx u bir-ragun, huwa kburi b’dan il-fatt. L-attur, ghalhekk ma setax jingrana f’dan it-tip ta’ attitudni, fejn forsi ma kienx imdorri jahdem b’parametri dahshekk stretti. Hu x’inhu, pero’ x-xoghol tieghu kien jaghmlu sew, kif spjega Andre Chetcuti [fol. 84]. Pero’, kien qed ikun tard u dan

kien qed jinkwieta lill-konvenut u lil shabu l-ohra illi kien hemm l-ufficcju.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi huwa l-kwantum, l-attur esbixxa prospett li jidher a fol. 2 tal-process. Minn dan il-kont jidher illi l-aktar haga illi qeda tkun kontestata minn naha tal-konvenut huwa l-overtime, peress illi skond hu, fil-grad ta' professjoni li qeghdin huma, l-overtime ma jithallasx. Dan hu konfermat minn Andre Chetcuti meta jghid, "F'livell manigerjali bhalma konna ahna overtime ma jithallasx." Dana huwa minnu, pero' ma jidhirx li l-attur kien wasal f'dak l-istat manigerjali.

Bhalma jidher mill-basis of agreement, illi esebixxa kien hemm tlett istadji fejn il-konvenut seta' jilhaq. Kien ghadu biss fl-ewwel stadju bhala impjegat meta l-impjieg spicca f'Gunju 2003, u bhala tali l-Qorti jidhrilha illi huwa ghandu dritt illi jithallas ghall-overtime. Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar is-sieghat peress illi mid-dokumenti ppreparati mill-istess konvenut jidhru li s-sieghat imsemmija mill-attur huma veritjieri u ir-rata ta' hlas hija wkoll ragjonevoli tenut kont ix-xoghol illi kien qieghed jaghmel.

Ghal-dak illi jirrigwarda l-vacation leave, l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' tmintax-il (18) gurnata ta' vacation leave illi ma hax fis-sena 2002. Dan jidher illi huwa kontestat mill-konvenut fejn jghid li l-vacation leave thallas. Pero', l-Qorti jidhrilha li dan mhuwiex il-kaz u l-attur kellu d-dritt li jiehu dak il-vacation leave f'dik is-sena u jekk ma hadux, almenu ghal sena, kellu dritt jiehdu s-sena ta' wara. Il-Qorti ma tippretendix illi l-attur ser jibqa' jiehu vacation leave akkumulat sena wara ohra, imma almenu jekk ma jkunx ha l-vacation leave ta' sena minnhom minhabba pressjoni ta' xoghol, kif qal l-istess attur, allura f'dak il-kaz, bhalma hija prassi normali fl-ambitu ta' l-impjieg generali, jkollu

d-dritt illi jiehu l-vacation leave is-sena ta' wara. Fil-fatt l-attur qed jitlob biss il-vacation leave ta' sena wahda, kif ghandu dritt jaghmel.

Ghalhekk, il-Qorti ssib illi t-talba tieghu kif spjegata fil-prospett a fol. 2 tal-process, jihdrilha illi hija gustifikata u timmerita konferma.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill- konvenut illi jhallsu s-somma ta' elf, disa' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm1,988.17) dovuti lilu mill-istess konvenut bhala bilanc ta' salarju, sahra, xoghol u vaganzi mhux mehuda in konnessjoni ma' l-impjieg tieghu ma' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz, kontra l-konvenut."

Il-konvenut jimpunja din is-sentenza fuq bazi duplici. L-ewwelnett illi s-sentenza kienet tiddifetta fil-motivazzjoni taghha ghaliex din naqset milli tokkupa ruhha mit-tieni u l-hames eccezzjoni tieghu. Taht dan il-profil huwa ghalhekk jippretendi li s-sentenza ghandha tigi dikjarata nulla. L-appellanti jghaddi mbaghad biex jikkontesta l-mertu ta' l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti tal-punti kollha involuti fil-vicenda kontrovertita mill-partijiet;

Fuq l-ewwel motiv ta' impunjattiva din il-Qorti ma tarax illi tikkonfigura ipotesi tan-nullita pretiza. Ghal fini ta' l-adempiment ta' l-obbligu mpost mil-ligi fil-motivazzjoni, ex-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 il-Qorti mhix tenuta li toqghod tivvaluta singolarment ir-rizultanzi kollha processwali jew li tikkonfuta d-difizi jew l-argomenti prospettati mill-partijiet imma hu bizzejjed li wara li tivvalutahom fil-kumpless tissenjala dawk l-elementi li fuqhom tkun iffondat il-konvinciment taghha. Hu, anzi, implicitu illi r-riljevi u c-cirkostanzi li fuqhom ma tkunx issoffermat il-Qorti b' mod

specifiku ghandhom jitqiesu dizattiza minnha. Analogikament, hi superfluwa l-indikazzjoni specifika tar-ragunijiet kollha li jsostnu r-rigett ta' certi eccezzjonijiet meta dan hu hekk implicitament deducibbli mill-kumpless tal-motivazzjoni adottata. Jinghad a propozitu fis-sentenza "**Giuseppe Formosa Speranza *nomine* -vs- Pietro Guglielmo Camilleri**", Appell Kummercjali, 16 ta' Jannar 1933 illi "*il ragionamento nella motivazione di una sentenza e la conclusione da esso tratta nel corso della stessa motivazione, quantunque tale conclusione non formi parte del dispositivo della sentenza medesima, costituiscono una decisione implicita quante volte quella conclusione formo la base ed era necessaria per arrivare razionalmente al dispositivo espresso*";

Issa fil-kaz prezenti nsibu esposizzjoni sufficjentement cara ta' l-izvolgiment tal-process u tal-fatti prodotti li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni u li hi qisithom hekk necessarji ghall-iskop tad-decizjoni taghha. Anke jekk forsi mhux fid-dettal, il-Qorti ssib li s-sentenza tipprovdi riassunzjoni konciza tal-kontenut sostanzjali tal-kontroversja, tad-difizi assunti u ta' dik ir-razzjonalita sufficjenti fir-raffront bejn ir-rizultanzi probatorji u r-raguni tad-decizjoni. Jinghad mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Francis sive Frank Refalo *nomine* -vs- Mark Laferla *et nomine***", (4 ta' Dicembru 1998), proprju in kumment ghall-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 illi l-Qorti "mhix strettament obbligata li tispecifika r-ragunijiet ghaliex kienet qed tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Hi biss mehtiega li tqis dawn l-eccezzjonijiet fl-isfond tar-ragunijiet li fuqhom tkun qed tibbaza d-decizjoni taghha". Bil-kontra ta' dak sottomess mill-appellanti lil Qorti ma jirrizultalhiex illi fl-assjem taghha s-sentenza fiha xi dificjenza objettiva tal-kriterju logiku li wassal lill-Qorti ghall-konvinciment taghha, u allura wkoll ghad-decizjoni taghha. L-aggravju fuq dan il-punt qieghed, konsegwentement, jigi rigettat;

Haga naturali dan ma jfisserx li din il-Qorti qed taqbel ghal kollox mal-konsiderandi maghmula. Anzi, hi tal-fehma li l-ewwel eccezzjoni kienet timmerita aktar attenzjoni;

Hu principju f' rapport ta' impjieg ghal zmien indeterminat illi kull wiehed mill-kontraenti, sija jekk hu l-principal, jew jekk hu l-haddiem, jista' jtemm dan ir-rapport, salv l-ghoti tal-preavviz specifikat [Artikolu 36 (3), Kapitolu 452]. Min jonqos minnhom li jaghti avviz bhal dan, hu tenut li jhallas lill-parti l-ohra "somma li tkun daqs nofs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien ta' avviz" [Artikolu 36 (10) ta' l-istess Kapitolu]. Johrog minn dan illi l-funzjoni tal-preavviz hi dik li tevita l-konsegwenzi pregudizzjevoli li jgib mieghu t-temm tar-rapport. Dan kemm ghall-principal li jkollu bzonn ifittex sostitutiv, kemm ghall-impjegat biex dan ikollu opportunita` jfittex impjieg gdid;

Dan premess, fil-fehma tal-Qorti l-allegazzjoni ta' l-attur li hu kien ta avviz verbali bhal dan lill-konvenut mhix accettabli. L-ittra esebita a fol. 31 ghal liema jirreferi biex isostni din l-allegazzjoni tieghu fil-verita ma tistax tammonta ghal xi dizimpenn ta' dak l-obbligu legali tieghu li jaghti preavviz skond il-ligi. Il-provi juru li l-attur kien insodisfatt bis-sitwazzjoni fejn id-dedikazzjoni tieghu ma kienetx apprezzata, bil-pressjoni tax-xoghol, bin-nuqqas ta' futur ghalih fl-ufficcju, u kien ghalhekk li fi kliemu stess "ma kellix triq ohra hlief li nitlaq" (ara xhieda tieghu a fol. 21). Ix-xewqa, anke jekk espressa, li hu kien intenzjonat ifittex impjieg alternattiv ma tammontax u ma tekwivalix ghal preavviz. Tant hu hekk li hu sahansitra kien lest li jibqa' fl-ufficcju anke jekk fuq bazi *parti time*;

Jista' forsi jigi objettat illi kienet l-attitudni xejn kumplimentarja tal-konvenut u ta' l-atmosfera xejn idejali fl-ufficcju li geghlitu jaqbad u jitlaq. Dan pero` ma kienx jintitola lill-attur li ma jonorax id-dettami tal-ligi fir-rigward tat-tluq mix-xoghol. Inghad tajjeb fis-sentenza "**George Gatt -vs- Karl Bonello *nomine***", Appell, 17 ta' Marzu 1997, "dan hu proprju l-iskop (l-evitar tad-diffikultajiet ghal min ihaddem) wara l-provvediment tal-ligi li tezigi li jinghata n-*notice* mill-impjegat qabel jitlaq mix-xoghol. Il-ligi ma taghmel l-ebda eccezzjoni … u allura japplika d-

dettam *ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus*." Fic-cirkustanzi, mis-somma pretiza mill-attur appellat ghandu jonqos l-ekwivalenti tal-hlas tan-*notice*, komputat mill-appellant fl-ammont ta' mija u tmintax-il lira, tlieta u sittin centezmu (Lm118.63). Dan l-ammont ma giex ikkontestat;

Ferma din l-konsiderazzjoni, salv s' intendi ghar-riduzzjoni ulterjuri approvata mill-appellat tas-somma minnu originarjament pretiza bl-avviz, mill-kumplament l-aggravji l-ohra fil-meritu ma jitqiesux sostenibbli;

Jibda biex jigi osservat illi l-fatt li impjegat jabbanduna x-xoghol minghajr ma jaghti *notice* igib iva l-konsegwenzi finanzjarji ghall-impjegat kif fuq manifest imma dan ma jipprekludihx ukoll milli jikkonsegwi u jircievi minghand il-principal tieghu l-hlasijiet ghal liema hu intitolat. Retribuzzjoni din komposta minn elementi varjabbli bhal ma huma dawk tal-*profit sharing* u elementi fissi bhal bialnc tal-paga, sahra u ghal *leave*;

B' mod generali din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet varji espressi mill-appellanti fil-kontestazzjoni tas-somom reklamati mill-attur appellat taht kull wahda mill-irjus tar-retribuzzjonijiet reklamati minnu. Ibda biex ma tistax taccetta bhala proposizzjoni korretta l-impostazzjoni li l-appellanti joghgbu jaghti lill-figura guridika ta' l-attur bid-duwalita` karatterizzata skond it-tezi l-aktar favorevoli ghalih. Mhux accettabbli li daqqa jqisu bhala professjonist imsieheb b' responsabilita` ezekuttiva u daqqa impjegat ordinarju. Lanqas ma huwa akkonsentit illi ghal dik li hi gratifikazzjoni kompartecipattiva din kellha tkun dipendenti fuq id-diskrezzjoni unilaterali ta' l-appellanti li seta' jaghtiha u seta' ma jaghtihiex skond ir-rih tal-mument u ta' l-evalwazzjoni tieghu ta' l-imgieba ta' l-attur. *Multo magis*, imbaghad, meta x-xoghol bhal dak tal-Grand Harbour Marina ikun gie ottenut bl-inizzjattiva ta' l-istess attur;

Huwa fatt pruvat illi l-appellat ippresta l-hidma tieghu fl-interess ta' l-ufficcju, iddedika anke sighat twal fir-realizzar ta' l-attivita` operattiva kondotta minnu u kkontribwixxa mhux ftit skond l-abiltajiet tieghu ghar-rendiment fruttiferu ta' l-introjti. Ma jistax jitqies lecitu ghalhekk illi ghal *leave* li ma hax u ghas-sahra li hadem ma jircevix ir-retribuzzjoni li kienet timmeritah. Dan ukoll in omagg tal-massima maghrufa *omnia labor, optat premium*. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti taderixxi mar-rezistenza ta' l-appellanti kif fl-apell koncepit, ghat-talba ragonevoli tal-appellat taht dan il-profil;

Konsiderat dak li nghad aktar 'il fuq, u ammess illi s-somma effettivament dovuta (Lm1942.29) kellha tkun, skond il-prospett mill-attur innifsu esebit, inferjuri ghal dik reklamata (Lm1988.17), jigi li l-ammont nett, meta titnaqqas is-somma tan-*notice* (Lm118.63), ghandu jkun elf tmien mija tlieta u ghoxrin lira Maltija, sitta u sittin centezmu (Lm1823.66).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, akkolta l-ewwel eccezzjoni u aggravju korrelatat, qed timmodifika u tvarja l-ammont kanonizzat bis-sentenza appellata u b' hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tmien mija tlieta u ghoxrin lira Maltija, sitta u sittin centezmu (Lm1823.66), bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-avviz. Mill-kumplament l-aggravji l-ohra qed jigu interament michuda. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew fil-proporzjon tar-rebh u tat-telf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------